# GĦANJA MALTIJA

Irrid natik għanja
li fost l-għana kollu
li ġie minsuġ lilek
ħadd s'issa ma tak;
għax kif tidher lili
hekk ħajja, hekk sbejħa,
ja art ta' twelidi,
ħadd m'għaraf jarak.

Min ħatrek rebbieħa
fil-ġlieda mal-Mislem,
min tellgħek fil-għoli
imħabba t-twemmin;
lil wieħed tat l-għanja
il-ferħa tar-rebħa,
lil l-ieħor ta' Kristu
is-sewwa tad-Din.

Oħrajn mita l-għaref
mar jikxef l-imgħoddi
ta' żmien l-aktar bogħod
mid-dlam ta' l-egħrien,
mill-għaxqa misruqa
imgħaġġba bid-dehra,
ħollew tal-foħrija
minn tagħhom l-ilsien.

Mhux hekk l-għanja tiegħi!
kif twieldet jaf Alla
li l-ġnus mar iqassam
kull wieħed għalih,
u nissel f'kull bniedem
għal artu, għal ġensu
dil-ġibda li tħeġġeġ
ta' qalbu fil-qiegħ.

Hekk twieldet, bħal xitla
ixxettlet u kibret,
bħal siġra midditli
ġo qalbi l-egħruq,
saqqejtha, saħħaħtha
bid-demm ta' żgħożiti,
b'dad-demm li f'imħabbtek
jien minnu maħruq.

Għax jiena, bħal mara,
bħal mara li ssaħħar,
li tbellah, li ġġennen
urajk jien miġbud.
Hekk hekk, hekk inħobbok
w-inħoss ġewwa sidri
li ngħix ma nkunx nista'
jien minnek mifrud.

Min jaf kemm-il-darba
fil-ljieli tal-qamar
qgħadt nisma' lill-baħar
ibusek fis-skiet
u b'rogħda ta' għira
mikdud mill-imħabba
gerżumti ħassejtha
b'demm qalbi intliet.

Min jaf kemm-il-darba
fil-qilla sajfija
nixxemmex int rajtni
mitluf f'ħarsa lejk,
nistħajlek xi tfajla
kif nieżla fil-baħar
waqt jien kont nissaħħar
għad-daħka t'għajnejk.

Għalhekk malli ïsmek
jien nisma' nintilef
bħal kieku f'dagħdigħa
ta' bniedem marid,
u nħoss qalbi tferfer
ġo ħruq liema bħalu
u donnha minn sidri
hi taqbeż tkun trid.

Għalhekk jien niġġieled
b'din saħħti, b'dan moħħi,
biex dak li hu tiegħek
jittiesef lè xejn,
għalhekk jien nitfittet,
nitmasħan, nitqabad,
biex int ma tkunx iċken,
milli inti u fl-għajnejn.

Int biss għallimthieli
qalila l-mibegħda
għal min irid jaħqrek
jew jixħtek fit-tajn,
sew sew jekk barrani,
jew ħija noboghdu
għalih ma hemmx maħfra:
għal miegħu għajn b'għajn.

F'dit-telfa qawwija
din l-għanja ħejjejtlek.
Imkebbsa xewqati
bħal ġamra għalik,
ħabbatli kull daqqa
li tmur mat-tqabbila
ta' demmi li jagħli
ġo ġismi t-tektik.

U wara li l-bewsa
tal-mewt minn ġo fija
ittajjar lir-ruħi
għaż-żmien ta' bla jiem,
jien nibqa' nismagħha
w-hi tibqa' tgħannili
din l-għanja wild ruħi,
għax ruħi bla tmiem.

C. M B.

## "LEĦEN IS-SEWWA"

Għandna f'idejna l-ewwel ħames numri ta' din il-gazzetta li bdiet toħroġ fl-ewwel ta' Settembru u nixtiequ nfaħħru b'qalbna kollha lil min qiegħed joħrogħa.

Irridu ngħidu, bla ebda biża' li qegħdin ngħidu ħażin, li "*Leħen is-Sewwa*" jisboq lill-ġurnali l-oħra kollha għaliex hu biss fost kollha kemm huma jista' jaqdi l-missjoni tiegħu ta' GĦALLIEM TAL-POPLU u dan il-għaliex hu meħlus minn kull ġibda lejn dan jew dak il-partit politku—ħaġa li l-ebda gazzetta oħra bil-malti ma hi meħlusa minnha. Imżewqa tajjeb ħafna għax fiha ssib mhux biss artikuli reliġjużi sbieħ ħafna, iżda ssib wkoll artikuli ta' Letteratura, Arti, Storja u artikuli oħra li jiġbduk tassew. Ħaġ'oħra li iġġagħalha tisboq lill-gazzetti l-oħra bil-Malti hi l-*ortografija uniformi* li tagħmilha għanja u sabiħa. *Ad multos annos.*